MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 678/2003

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurata taghha Alexandra Zahra abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Alexandra Zahra
vs**

**Silvio Buttigieg**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' April, 2003, fejn intalab il-hlas ta' mija u disa' liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm109.75), rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-attrici Alexandra Zahra assigurata tas-socjeta` attrici Fogg Insurance Agencies Limited noe, u li ghalihom ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta' erbgha u tmenin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu**

**(Lm84.75) is-socjeta` attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u kwantu ghall-ammont ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) l-istess Alexandra Zahra in linea ta' excess payment, bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fid-19 ta' Gunju, 2002 ghall-habta tat-8.30pm gewwa Triq il-Kampanella, Fgura, bejn il-vettura proprjeta` ta' l-attrici Alexandra Zahra, bin-numru ta' registrazzjoni KBA-572 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni DBY-420, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta' traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da part ital-konvenut;**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 28 ta' Ottubru, 2002, u ta' l-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment mal-avviz lis-socjeta` assikurattrici Omnibus Pool, u interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali tat-28 ta' Ottubru, 2002 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-30 ta' Mejju, 2003 fejn intqal:**
**i. illi l-konvenut ma kienx involut fl-ebda incident mal-vettura KBA-572;**
**ii. ghalhekk ma hemmx Danni x'jigu likwidati favur is-socjeta` attrici. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess, is-socjeta` attrici ghandha ggib prova tad-danni pretizi minnha;**
**iii. inoltre ma hemmx lok ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' danni;**
**iv. salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-Ligi u bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici.**

**Semgha x-xhieda ta' Renald Zahra, Alexandra Zahra, PC259 Edwin Curmi, Amanda Scerri u Silvio Buttigieg. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. L-atturi qed jitolbu danni bhala rizultat ta' incident awtomobilistiku li allegatament sehh fid-19**

**ta’ Gunju, 2002 ghall-habta tat-8.30pm gewwa Triq il-Kampanella, Fgura, bejn il-vettura proprjeta` ta’ l-attrici Alexandra Zahra, bin-numru ta’ registrazzjoni KBA-572 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta’ registrazzjoni DBY-420. Il-konvenut qed jichad li kien hemm kollizjoni. Ghalhekk l-ewwel punt li jrid jigi stabbilit huwa jekk tassew kienx hemm kollizjoni kif qed jallegaw l-atturi.**

**2. L-incident allegatament gara meta l-konvenut kien qed jipparkja xarabank fi spazju li kellu wara l-vettura ta’ l-attrici. Waqt li qed jipparkja kien hemm l-gharusa tal-konvenut qed taralu biex jipparkja.**

**3. It-Tribunal qies ix-xhieda li nghatat u minnha jirrizulta li dak il-hin li l-konvenut kien qed jipparkja hdejn ir-residenza ta’ l-attrici, Renald Zahra, ir-ragel ta’ l-attrici semgha hoss. Renald Zahra jghid li meta kien fuq il-bejt sema’ l-impatt mal-vettura tieghu. Hu avza lill-attrici b’dak li gara, u din cemplet lill-omm l-gharusa tal-konvenut li toqghod faccata, u din qaltilhom li l-konvenut ma kienx hemm. Sussegwentement gie l-konvenut, u dana hareg jara.**

**4. Jirrizulta li l-attrici kellha ghafsa fuq wara mal-“handle” fuq il-“booth” tal-vettura taghha, livell ezatt mal-bumper tal-karrozza tal-linja. Gie rilevat li ma gew rilevati ebda Danni fuq ix-xarabank tal-konvenut. Pero` wiehed irid iqies li jekk kien hemm daqqa din kienet minima, u fil-fatt li kien hemm kienet biss ghafsa fil-“booth”.**

**5. Skond Renald Zahra, il-konvenut offra li jsewwihom ghand panel beater iz-Zejtun, pero` l-attrici riedet tehodha ghand wiehed li taf hi. Pero` skond Alexandra Zahra, il-konvenut ma ammettiex li dahal go fihom.**

**6. Jirrizulta mid-deposizzjonijiet ta’ l-attrici u ta’ zewgha li omm l-gharusa tal-konvenut offriet li ssewwi. Dana m’ghandux wisq rilevanza, in kwantu jidher li l-istess omm kienet qed tissupponi li dak li qed jghidula l-attrici u zewgha kien minnhu, pero` hi la ma rat l-incident isehh, u lanqas ma jirrizulta li kienet ghadha kellmet lill-konvenut meta ghamlet l-offerta.**

**7. Skond l-atturi dam ma sar ir-rapport mal-pulizija peress li ppruvaw jirrangaw.**

**8. Rilevanti hafna dak li xehed il-konvenut meta qal li hu normalment jipparkja hemm, u li ried jipparkja hemm peress li ried jistrieh peress li kien jerga imissu xoghol f'nofs il-lejl. Ghalhekk il-konvenut ried jipparkja f'post fejn ma jigix disturbat.**
**9. Jirrizulta mix-xhieda ta' l-istess konvenut li hu ra li telqet karrozza minn dak il-post, u saq biex jipparkja hemm. Skond il-konvenut kien hemm hafna spazju fejn jipparkja u kien il-boghod mill-vettura ta' l-attrici. It-Tribunal ma jirrizultalux li fil-fatt kien hemm xi spazju kbir hafna fejn jipparkja il-konvenut, u jirrizulta, anke mir-road accident report, li l-vettura tal-konvenut kienet qrib hafna, kwazi tmiss ma' dik ta' l-attrici meta mar jara l-pulizija.**
**10. Amanda Scerri, l-gharusa tal-konvenut, li kienet mieghu u nizlet taralu fuq wara waqt li qed jipparkja, tghid li l-konvenut kien qed jipparkja f'post tul ta' xi zewg karrozzi. Hi tghid li qabel ma mar jipparkja l-konvenut kien qed jahsel ix-xarabank jistenna li titlaq xi karrozza biex jipparkja, u tghid li kif telqet karrozza marru jipparkjaw.**
**11. Ma hemmx dubbju li l-konvenut kellu certa ghaggla biex jokkupa dan il-parkegg wara li telqet karrozza minn hemm, u dana ghar-ragunijiet li qal hu. Ma hemmx dubbju lanqas li l-post tal-parkegg kien ristrett, tant li kellu bzonn min jaralu fuq wara. Jirrizulta ukoll li d-daqqa , ghafsa, li kellha l-attrici tikkombacja mal-punt tal-bumper tal-konvenut. Huwa ovvju li b'ghafsa minima kif indikat il-konvenut ma kienx ser ikollu danni jew marki fil-bumper. Ghalhekk mill-kumpless tal-provi jirrizulta soddisfacentement pruvat li d-daqqa fil-vettura tal-attrici giet kagunata mill-konvenut waqt li dan kien qed jipparkja, u konsegwentement ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni.**
**12. Bhala Danni dawn jirrizultaw pruvati mis-survey Dok.RF1 u mill-invoices Dok.RF2 u Dok.RF3, u dana fl-ammont indikat fl-avviz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, t-Tribunal jilqa t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici Fogg Insurance Agencies Limited is-somma ta'**

**erbgha u tmenin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm84.75), u lill-attrici Alexandra Zahra is-somma ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) bl-imghax legali mit-28 ta’ Ottubru, 2002 sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 28 ta’ Ottubru, 2002, u ta’ l-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment mal-avviz lis-socjeta` assikuratrici Omnibus Pool, ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------